DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku

**Tel:** 2598 2449 / 2598 2478 / 2598 2480 **Fax:** 2598 2149

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 7 tá Novembru 2012

**Azzjoni:** X **Ref:** CMeLD 210/2012

**Lill-:** Prinċipali tal-Kulleġġi, Kapijiet u l-Assistenti Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat, Għalliema tal-Malti, u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius-Muscat, George Mifsud, David Muscat, Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Suġġerimenti ta' Novelli u Drammi għas-Sillabu tal-Ewwel u t-Tieni Sena tas-Sekondarja

---

L-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti msemmija hawn fuq qed jistiednu lill-għalliema tal-Malti biex jibagħtulhom l-ismijiet ta' kotba jew skripts ta' novelli u drammi li jqisu xierqa għall-istudenti tal-ewwel u t-tieni sena tas-sekondarja. Dan l-eżerċizzju qed isir biex isir titjib fis-sillabi eżistenti ta' dawn is-sentejn. Ix-xogħlijiet issuġġeriti jistgħu jkunu ppubblikati diġà jew għadhom ma ġewx ippubblikati.

Is-suġġerimenti għandhom jintbagħtu fl-indirizzi t'hawn taħt sal-**31 tá Diċembru 2012**. Dawn il-proposti tal-għalliema jiġu kkunsidrati minn Kumitat tal-Għażla mwaqqaf apposta. Il-Kumitat ikun magħmul minn għalliema tal-Malti, Uffiċjal/i Edukattiv/i tal-Malti, Kap/ijiet tad-Dipartiment tal-Malti, rappreżentant tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, rappreżentant tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u rappreżentant mill-Università ta' Malta.

L-indirizz postali huwa: Uffiċjali Edukattivi tal-Malti, Iċ-Ċentru tal-Kurrikulu, Kamra 7, Triq Sarria, Floriana, FRN 1460. Tistgħu tużaw ukoll dawn l-indirizzi elettroniċi:
david.agius.muscat@ilearn.edu.mt george.mifsud@ilearn.edu.mt david.muscat.4@ilearn.edu.mt

Nirringrazzjakom,

**Sandro Spiteri**
**Direttur tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku**